MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1055/1990/1

**John Barbara**

**vs**

**Albert Mizzi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Air Malta Company Limited u b'nota tad-9 ta' Mejju 1997 Louis Grech bhala chairman ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Air Malta Company Limited assuma l-atti tal-kawza minflok Albert Mizzi**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi l-attur jinsab impjegat mas-socjeta' tal-Avjazzjoni Civili Air Malta;

Illi fil-11 ta' Marzu 1989 huwa kien gie ordnat biex wahdu jiccekkja l-flexibility tas-seats kollha tal-ajruplan appartenenti lill-istess socjeta' konvenuta f'terminu prefiss;

Illi dan ix-xoghol huwa strapazzuz hafna specjalment meta jigi kunsidrat in-numru tas-seats li kellu jiccekkja u l-perjodu limitat li fih l-attur kellu jesegwixxi l-istess xoghol;

Illi bhala rizultat ta' dan ix-xoghol strapazzuz l-attur wegga' dahru u b'mod li kellu jissubixxi operazzjoni f'dahru fejn gew imnehhija lilu zewg irkikel (discs) minn dahru;

Illi ukoll minhabba f'hekk huwa qieghed isofri debilita' permanenti fuq persuntu li skond ic-certifikat rilaxxjat minn Mr. Bernard M.D. FRCS il-kirurgu ortopediku jammonta ghal 30%;

Illi minhabba f'dan l-incident l-attur qieghed isofri danni konsiderevoli anke mankamenti ta' natura permanenti;

Illi dan l-incident gara unikament tort tas-socjeta' konvenuta kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u mill-provi;

Ghalhekk l-attur talab li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara li l-incident imsemmi tal-11 ta' Marzu 1989 li fih korra l-attur gara unikament bi htija tas-socjeta' konvenuta;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur fl-incident fuq imsemmi fil-bzonn anke bl-opera ta' periti nominandi; u

3. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata a bazi tat-tieni domanda in linea ta' danni sofferti minnu ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie eccepit illi t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt. Fl-ewwel lok l-attur irid jirnexxi fil-prova illi kien hemm incident u li jekk kien hemm incident li minnu jippretendi li sofra d-dannu li tali incident kien l-effett dirett ta' xi azzjoni jew inazzjoni ta' l-eccipjenti nomine, kif irid id-dispost ta' l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili. Sekondarjament l-attur irid jipprova n-ness bejn l-incident u l-event dannuz u f'kull kaz il-Qorti giet mitluba li tordna l-isfilz tac-certifikat mediku 'ex parte' esebit;

Rat id-dkjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tat-3 ta' Dicembru 1990 li bih gie ordnat l-isfilz tac-certifikat mediku anness mac-citazzjoni;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) ukoll tat-3 ta' Dicembru 1990 li bih gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Tony Degaetano;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tat-23 ta' Jannar 1992 li bih giet revokata l-imsemmija nomina tal-assistent gudizzjarju u gie nominat minflok Dr. Joseph Zammit McKeon bhala Perit Legali;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-21 ta' Marzu 1994 li bih gie nominat Mr. Carmel Sciberras bhala espert mediku sabiex jassisti l-Perit Legali;

Rat ir-relazzjonijiet tal-perit legali u tal-espert mediku debitament konfermati bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-2 ta' April 1998;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-assistant gudizzjarju u mill-perit legali;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta;

Rat ir-replika tal-attur;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu 1999;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur, li huwa impjegat mas-socjeta konvenuta, ppremetta li huwa fil-11 ta’ Marzu 1989 kien gie ordnat sabiex wahdu jivverifika l-flessibilita’ tas-“seats” kollha ta’ ajruplan appartenenti lis-socjeta' konvenuta u dana sa certu zmien. Skond l-attur dan kien xoghol ta strapazz tenut kont tan-numru tas-seats li kellhom jigu esaminati u taz-zmien limitat li fih kellu jsir dan ix-xoghol. L-attur jallega li minhabba li ghamel dan ix-xoghol huwa kellu incident fejn wegga' dahru, tant li kellu jghamel operazzjoni f'dahru fejn gew imnehhija lilu zewg irkikel (discs). L-attur jallega li huwa sofra debilita’ permanenti u ghalhekk qed isofri danni konsiderevoli. L-attur ikompli jallega li l-imsemmi incident gara unikament tort tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk talab li jigu likwidati dawn id-danni u li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas id-danni hekk likwidati;

Da parti taghha s-socjeta konvenuta qed teccepixxi li l-attur ghandu l-ewwel jipprova li kien hemm incident u jekk fil-fatt kien hemm incident, dan l-incident kien l-effett dirett ta' xi azzjoni jew inazzjoni tas-socjeta konvenuta u dana skond kif irid id-dispost ta' l-artikolu 1035 tal-Kodici Civili. Fit-tieni lok l-attur ghandu jipprova n-ness bejn l-incident u l-event dannuz. Hemm talba fin-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta sabiex jigi ordnat l-isfilz tac-certifikat mediku esebit mac-citazzjoni. Din it-talba giet akkolta bl-imsemmi digriet ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-3 ta' Dicembru 1990;

L-abbli perit legali fir-relazzjoni tieghu kkonkluda li t-talbiet ta' l-attur ghandhom ikunu respinti;

Il-Qorti, wara li esaminat bir-reqqa u fit-tul ir-relazzjoni tal-abbli perti legali, tiddikjara li ma tistax taqbel mal-imsemmija konkluzjoni tal-Perit Legali;

Jirrizulta li l-attur hu impjegat mas-socjeta konvenuta bhala “ground engineer”. Qabel l-incident in kwestjoni l-attur kien ilu jghamel l-istess xoghol, inkluz dak li kien qed jghamel meta sehh l-incident, ghal certu zmien. Fil-gurnata in kwestjoni huwa gie mqabbad jivverifika l-flessibilita’ tas-sedili, jew “seats”, kollha fuq ajruplan. Huwa kellu jara li dawn is-sedili ma jinqalghux minn posthom u dana billi jghamel verifiki vizwali kif ukoll billi jghatihom skoss. Dak il-hin kien qed isir dak li jissejjah "major maintenance" lill-ajruplan u ghalhekk ma jidhirx li x-xoghol kien mghaggel hafna jew kellu isir ta' malajr. L-attur ikkonferma li l-incident in kwestjoni sehh meta hu kien gia ghamel dawn il-verifiki ghar-rigward ta’ nofs in-numru tas-sedili li kellhom jigu verifikati. Skond l-attur l-incident sehh meta, waqt li kien qed jiskossa s-sedili, huwa hass wega f'dahru. Wara li hass din il-wega, xorta wahda kompla bix-xoghol ghaliex haseb li ma kien xejn. Meta spicca x-xoghol l-ugigh baqa' jzid u minhabba f'hekk l-ghada ma marx ghax-xoghol u mar l-isptar. L-attur jghid li ghadu ma jistax jaghmel xoghol ta' strapazz billi jaqbdu l-ugigh;

Jirrizulta sufficjentement pruvat li l-attur, waqt li kien qed jghamel ix-xoghol imsemmi, wegga f'dahru u bhala konsegwenza huwa sofra debilita' permanenti tant li kellu jsirlu intervent biex jitnaqqas l-ugih u inoltre baqa ma jistax jistrapazza ruhu kemm fix-xoghol tieghu kif ukoll fil-passatempi tieghu. L-abbli espert mediku, nominat minn din il-Qorti, wara li kkonsidra dak kolu li kien rilevanti, ikkonkluda li dahar l-attur mhux normali u l-istess attur ser ikollu dejjem ikun attent fix-xoghol tieghu kif ukoll fil-passatempi tieghu. L-espert mediku stabilixxa li l-attur kellu debilita' permanenti ta' 17%.  Jirrizulta inoltre li qabel l-incident in kwestjoni l-attur qatt ma wegga f'dahru jew bghata b'dahru;

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali ghamel referenza ghall gurisprudenza nostrana u ghall-awturi. Fost affarijiet ohra huwa kkonkluda li l-htija, f'kazijiet bhal dawn, trid tigi ippruvata u l-kriterju tal-prova huwa dak ta' att jew ommissjoni naxxenti minn imprudenza, nuqqas ta' diligenza jew attenzjoni ta' bonus paterfamilias. In effett l-attur ma llimitax ruhu li jallega li x-xoghol li kien qed jaghamel kien ta' strapazz. L-attur irnexxilu jipprova b'mod sufficjenti li huwa sofra danni bhala rizultat tal-wega li hass waqt li kien qed jghamel ix-xoghol in kwestjoni u li dan hu attribwibbli ghal nuqqas da parti tas-socjeta konvenuta bhala l-"employer" li tipprevjeni d-dannu;

Huwa minnu li l-imgieba tas-socjeta konvenuta, bhala "employer", trid titqies fl-ambitu ta' l-obbligi naxxenti b'mod generali mill-ligi. L-obbligu principali, f'dan ir-rigward, tas-socjeta konvenuta kien li tipprovdi post tax-xoghol kif ukoll sistema ta' xoghol bla riskji u perikoli. Huwa ghalhekk l-obbligu ta' minn ihaddem, cioe' tas-socjeta konvenuta, li jipprovdi lill-haddiema tieghu mezzi adegwati biex jghamlu xogholhom f'sigurta'u f'ambjent hieles mill-mard u mill-perikoli. Minn jhaddem ghandu jipprovdi lill-haddiema it-tghamir kollu protettiv biex ikun jista jghamel xogholu bl-

ahjar mod u minnghajr perikolu. F’dan ir-rigward jirrizulta sufficjentement pruvat li s-socjeta konvenuta naqset li tesercita diligenza ta' bonus paterfamilias billi naqset li tipprovdi “a safe system of work” ghar-rigward tax-xoghol li kien qed jghamel l-attur meta sehh l-incident in kwestjoni. In effett is-socjeta konvenuta setghet ragionevolment ippreveniet li, peress li x-xoghol kien ta strapazz kbir dan seta’ jinvolvi riskju ta' korriment. Jirrizulta ukoll b’mod sufficjenti li dan ir-riskju kien il-kawza tal-korriment tal-attur. Jirrizulta ukoll li s-socjeta konvenuta ma ghamlet xejn biex dan ir-riskju jitnaqqas jew jigi eliminat;

Jista jkun li l-attur kien ilu jghamel dan ix-xoghol u li kellu certa esperjenza fl-istess xoghol. Dan pero’ ma jnaqqas xejn mill-obbligu tas-socjeta konvenuta li tipprovdi ambjent tax-xoghol li jkun liberu minn certi riskji. Hu minnu ukoll li hemm certa responsabilita li taqa fuq l-attur. F’dan ir-rigward, pero’, bl-ebda mod ma jirrizulta li l-attur ghamel xi haga li mhux f’postha meta kien qed jghamel ix-xoghol in kwestjoni. Lanqas ma jirrizulta li l-attur kien b’xi mod mod traskurat u negligenti meta kien qed jghamel dan ix-xoghol. Ma jirrizultax li huwa kien dizattent jew li minhabba distrazzjoni ghamel xi haga li ma kellux jaghmel;

Jidher li dak li kien qed jghamel l-attur hu prattika kostanti fl-industrija ta' l-ajruplani. Dan pero’ ukoll ma jnaqqas xejn mill-imsemmi obbligu principali tas-socjeta konvenuta bhala “employer”. Hu ovvju li x-xoghol li kien qed jghamel l-attur kien fih riskju li seta jwegga, u dana peress li l-attur fisikament kien qed jhezzez b'mod qawwi s-sedili. Dan hu pruvat mill-fatt per se li l-attur in effett wegga. L-employer seta jipprevjeni li din l-operazzjoni, li kienet tinvolvi li jinghata skoss qawwi lis-sedili, kienet implicitament riskjuza u ta’ periklu u setghet tikkawza hsara lill minn kien qed jghamillha;

L-attur kien qed jghamel dawn il-verifiki wahdu, meta, jista jkun, li jekk kien hemm ghall-inqas impjegat iehor qed

jghin lill-attur, il-periklu tar-riskju seta gie ridott b'mod konsiderevoli. Ma jirrizultax li s-socjeta konvenuta ghamlet xi haga biex tipprevjeni jew biex tnaqqas dan ir-riskju. Ma jirrizultax li s-socjeta konvenuta riedet issib xi alternattivi ghal kif setghu isiru dawn il-verifiki. Jirrizulta inoltre li fiz-zmien in kwestjoni ma kienx hemm safety officer tas-socjeta konvenuta fil-hangers;

Il-fattur tal-ghagla cioe li x-xoghol kien mghaggel mhux daqstant rilevanti ghal finijiet ta’ din il-kawza. In effett ma jirrizultax li l-incident in kwestjoni sehh ghaliex ix-xoghol kien mghaggel. L-incident sehh ghaliex kien hemm riskju intrinsiku li seta’ jigri incident u korriment simili u dana minhabba t-tip ta xoghol li kien qed isir u kif kien qed isir;

Fid-dawl ta’ dan kollu t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Ghar-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni kif gia gie rilevat l-espert mediku kkonkluda li l-attur sofra debilita permanenti ta' sbatax fil-mija (17%). Jirrizulta li l-attur fiz-zmien tal-incident kellu disa' u ghoxrin sena (29). Il-paga tieghu netta ghas-sena meta gara l-incident cioe ghas-sena 1989 kienet ta' circa Lm5230 fis-sena u cioe circa erba mija u hamsa u tletin liri maltin (Lm435) fix-xahar (ara fol.65). Ghalhekk ghal finijiet tal-kalkolu li ghandu isir sabiex jigu likwidati d-danni ghar-rigward tad-dizabilita' permanenti hu ragjonevoli li l-bazi tal-qliegh ta kull xahar ghandu jigi kalkolat fuq ammont ta' hames mitt liri maltin (Lm500) u dana tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, tal-eventwali inflazzjoni, taz-zieded li jistghu jirrikorru, tat-taxxa li trid tithallas u ta cirkostanzi ohra;

Kif gia gie rilevat l-attur fiz-zmien tal-incident kellu disa' u ghoxrin (29) sena. Ghal fini tal-"multiplier" ghandu jigi kalkolat zmien ta' tnejn u tletin sena (32) u dana in vista tal-eta li fiha l-attur jirtira mix-xoghol. F'dan il-kaz ghandu jitnaqqas ghoxrin fil-mija (20%) stante li l-ammont ser jithallas f'pagament wiehed. Ghalhekk is-somma li qed tigi likwidata bhala 'lucrum cessans', fuq dak li ntqal sa issa,

tammonta ghal sitta u ghoxrin elf, mija u tnax il-liri maltin (Lm26112) (Lm500 x 12 x 32 x 17% - 20%);

Ghar-rigward tad-"damnum emergens" l-attur ippresenta biss prospett (fol.62) fejn indika li huwa tilef xahar u nofs xoghol u l-overtime relattiv fil-1989 u xahrejn fil-1990, u f'dan ir-rigward b'kollox huwa kkalkola li tilef Lm331.50. Huwa ukoll elenka l-ispejjez medici minghajr ma pproducja r-ricevuti relattivi. Dawn jammontaw b'kollox ghas-somma ta' Lm128.96;

In vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz dawn l-ammonti kollha jidhru li huma ragjonevoli u ghalhekk f'dan ir-rigward id-danni kollha qed jigu likwidati fis-somma ta' erba mija u sittin liri maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm460.46). Din l-ahhar somma trid tizdied mal-imsmmija somma li giet likwidata bhala 'lucrum cessans'. B'kollox ghalhekk id-danni kopmplessivi li ghandhom jigu likwidati jammontaw ghas-somma ta' sitta u ghoxrin elf hames mija u tnejn u sebghin liri maltin u sitta u erbghin centezmi (Lm26572.46) u ghal liema danni tirrizulta responsabbli s-socjeta konvenuta;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet tal-attur u tiddikjara li l-incident in kwestjoni li fih korra l-attur gara unikament bi htija tas-socjeta' konvenuta, tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur fl-incident imsemmi fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf hames mija u tnejn u sebghin liri maltin u sitta u erbghin centezmi (Lm26572.46) u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur l-imsemmija somma ta' Lm26572.46 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.